MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1412/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Roberto Borg (ID: 431180 M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Roberto Borg**

**Vs**

**Stephen Micallef (ID: 34165 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm369.33c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut qal:

"Jiena kont bil-vettura DAS 905. Jiena kont niezel, smajt horn ta' quddiem il-vettura BOB 080 u hbatt *tyre* ma' *tyre* u l-karru oghla u bil-karru lqatlu l-*bumper*."

Roberto Borg qal:

"Jiena kont bil-vettura BOB 080. Jiena kont tiela' u l-vettura DAS 905 laqatni bil-karru."

Bhala hsara kellu l-*front bumper*, r-*rear bumper* u l-*front right wheel*.

Ra x-xhieda ta' Warden 099 Mario Galea fejn ikkonferma illi kien investiga dan l-incident flimkien ma' Samuel Micallef. Jghid illi t-trailer kien fil-pozizzjoni kif jidher fir-ritratti esebiti. Jghid ukoll illi ma jafx jekk il-vettura tal-konvenut kellhiex xi hsara filwaqt fil-kontro-ezami jikkonferma illi l-konvenut kien iffirma li m'ghandux hsara.

Ra x-xhieda ta' Roberto Borg fejn jghid illi qabel ma sar l-impatt, hu kien wieqaf minhabba li kien hemm vettura ohra quddiemu diehla god-*drive-in* fuq ix-xellug. Roberto Borg qal li wara l-habta ra li l-karru kien maqlugh minn mal-Land Rover u kien *perpendicular* mat-triq. Wara l-incident hu ghen lill-konvenut sabiex jiddrittaw il-karru u jwahhluh mal-Land Rover. Borg ikkonferma li ma kienx qal lill-Warden li kien wieqaf u lanqas li kien ghen lill-konvenut sabiex jiddritta l-karru.

Il-konvenut hekk spjega l-incident:

"Jiena kont niezel...kien tiela' l-attur min-naha opposta u hbatna *tyre* ma' *tyre* u l-karru zbilancja naqra u lqattu bil-karru."

Il-konvenut cahad li wara l-habta l-karru spicca *perpendicular* u kien l-attur li ghenu jiddritta l-karru. Fil-

kontro-ezami l-konvenut qal li kien it-*tyre* tal-karru jew it-trailer li habat mal-vettura ta' Borg u mhux il-Land Rover.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenut li kellu trailer warajh kellu jsuq b'kawtela u jipprova jassigura li t-trailer ma jahbatx go vetturi ohra. Il-konvenut kellu d-dover li jsuq fuq in-naha tieghu tat-triq. Mill-iskizz mhux ikkontestat mill-konvenut jirrizulta li filwaqt li l-vettura ta' Borg spiccat fuq in-naha tieghu tat-triq il-vettura tal-konvenut spiccat ghan-nofs it-triq. Il-konvenut kellu karozza pparkjata quddiemu fuq ix-xellug u jidher li gibed ghan-nofs tat-triq meta kien id-dover tieghu li jsuq fuq ix-xellug. Illi m'hemm l-ebda evidenza ta' negligenza da parti ta' Borg. Il-konvenut kellu jzomm *a proper lookout*. Fix-xhieda tieghu ma jghidx li ra l-vettura ta' Borg qabel l-incident. It-trailer tal-konvenut habat mal-vettura ta' Borg u dan ifisser li l-konvenut naqas li jikkontrolla t-trailer kif kien necessarju.
Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici. Id-danni mhux ikkontestati. Gew esebiti l-ircevuti li huma ragunevoli. It-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm369.33c) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali datata 9 ta' Mejju, 2005 kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------